PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9926 — ADI/Maxim)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 76/07)

1. Fl-24 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Analog Devices, Inc. (ADI, l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Maxim Integrated Prodcuts (Maxim, l-Istati Uniti tal-Amerka).

ADI takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Maxim kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ADI: L-ADI tfassal, timmanifattura u tikkummerċjalizza portafoll wiesa' ta' soluzzjonijiet, inklużi ċirkwiti integrati, algoritmi, software u sottosistemi li jużaw teknoloġiji analogi, b'sinjali mħallta u diġitali għall-ipproċessar tas-sinjali. Il-prodotti tal-ADI jaqdu lill-konsumaturi madwar id-dinja f'għadd ta' setturi, inklużi s-setturi industrijali, tal-komunikazzjoni, tal-karozzi u tal-konsumaturi.

— Maxim: Maxim jiddisinja, jiżviluppa, jimmanifattura u jikkummerċjalizza firxa wiesgħa ta' ċirkwiti integrati analogi, ta' sinjali mħallta u diġitali. Il-prodotti tagħha jservu klijenti f'diversi postijiet ġeografiċi fiċ-ċentri tal-karozzi, tal-komunikazzjoni u tad-*data*, tal-computing, tal-konsumaturi u tal-industrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9926 ADI/Maxim

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË